

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 9.4.2010  
KUMM(2010)134 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI**

**dwar it-taħriġ u l-iskambji ta' uffiċjali inkarigati mill-implimentazzjoni ta' assistenza  
reċiproka taht id-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE)**

SEG(2010)395

## RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

### dwar it-taħriġ u l-iskambji ta' uffiċjali inkarigati mill-implimentazzjoni ta' assistenza reċiproka taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

#### 1. INTRODUZZJONI

Parti importanti u innovattiva tad-Direttiva dwar is-Servizzi<sup>1</sup> tikkonċerna l-koperazzjoni amministrattiva. Awtoritajiet kompetenti f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri kollha<sup>2</sup> huma meħtieġa jgħinu lil xulxin direttament u lil hinn mill-fruntieri sabiex ikunu evitati kontrolli doppji u biex tkun żgurata superviżjoni effikaċi tal-fornituri tas-servizzi (l-Artikoli 28 sa 36).

Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) tappoġġja lill-awtoritajiet f'dan il-kompitu. L-IMI hija netwerk ta' tagħrif ibbażat fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni żviluppat mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-IMI tippermetti lill-awtoritajiet jidentifikaw il-kontrapartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra u jiskambjaw informazzjoni magħhom bil-lingwa tagħhom billi jużaw mistoqsijiet u tweġibiet tradotti minn qabel. Fil-każ ta' problemi, il-koordinaturi tal-IMI jistgħu jintervjenu. Bħalissa, l-IMI qed tintuża fil-kuntest tad-Direttiva dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali<sup>3</sup> u tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

L-Artikolu 34(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi jitlob lill-Istati Membri bl-għajnuna tal-Kummissjoni, biex jiffaċilitaw it-taħriġ u l-iskambji ta' uffiċjali inkarigati mill-kooperazzjoni amministrattiva.

L-Artikolu 34(3) jitlob lill-Kummissjoni biex *"tevalwa l-ħtieġa li tistabbilixxi programm pluriennali sabiex torganizza skambji rilevanti ta' uffiċjali u taħriġ"*.

Dan ir-rapport jiddeskrivi fil-qosor ir-riżultati tal-valutazzjoni li saret fuq il-bażi tad-dejta miġbura min-numru ta' sorsi differenti, inklużi sħarriġiet fost l-utenti kollha tal-IMI u l-koordinaturi kif ukoll mir-rispons tat-trejnars tal-IMI<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L376, 27.12.2006, p. 36).

<sup>2</sup> It-terminu 'Stati Membri' f'dan id-dokument huwa użat biex ikun hemm referenza għas-27 Stat Membru tal-UE u għat-tliet pajjiżi tal-EFTA li qed jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (EEA), jiġifieri n-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein.

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255 tat-30.9.2005, p.22)..

<sup>4</sup> Għal deskrizzjoni ddettaljata tal-valutazzjoni u r-riżultati tagħha, jekk jogħġbok irreferi għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

## 2. VALUTAZZJONI TAL-BŻONNIJET

Mir-rispons li wasal mill-utenti tal-IMI, mill-koordinaturi u mit-trejners jirriżultaw tmien konklużjonijiet ewlenin:

- (1) L-IMI hija sistema faċli biex tintuża iżda t-taħriġ jibqa' neċessarju.
- (2) It-taħriġ fl-implikazzjonijiet legali u prattiċi tad-Direttiva dwar is-Servizzi huwa sfida akbar mit-taħriġ dwar kif tintuża l-IMI minn perspettiva teknika.
- (3) It-taħriġ ġenerali fil-lingwa u fil-kompjuter huwa offrut bħala parti mit-taħriġ dwar l-impjeg u mhux essenzjali għall-kooperazzjoni amministrattiva.
- (4) L-utenti jixtiequ jitħarrġu aħjar lokalment.
- (5) Id-disponibbiltà ta' trejners li jkollhom il-ħiliet adattati huwa aktar ta' tħassib milli l-kostijiet għat-taħriġ.
- (6) Il-materjal supplimentari prodott mill-Kummissjoni huwa apprezzat ħafna iżda mhux magħruf biżżejjed.
- (7) Ir-responsabbiltà ewlenija għat-taħriġ issa tinsab f'idejn l-Istati Membri, iżda l-Kummissjoni għandu jkollha rwol ukoll.
- (8) Skambji ta' uffiċjali jistgħu jżidu valur sinifikanti.

## 3. OBJETTIVI TA' MIŻURI LI GħANDHOM JITTIEĦDU

L-objettiv ġenerali ta' kwalunkwe miżura li għandha tittieħed fuq il-bażi tal-bżonnijiet valutati għandu jkun li jkun żgurat li l-utenti tal-IMI ikollhom l-għarfien u l-ħiliet neċessarji biex ikunu jistgħu jużaw l-IMI b'mod effikaċi. Għal dan l-iskop, it-taħriġ għandu jkun ipprovdut viċin l-utent u b'mod konsistenti kemm jista' jkun fl-UE. Fil-provvediment tat-taħriġ, il-koordinaturi tal-IMI għandhom rwol kruċjali li fih għandhom ikunu appoġġjati. Għadu kmieni wisq biex ikunu ddefiniti objettivi f'termini tal-kontenut tat-taħriġ minħabba li l-bżonnijiet mhux mistenni li ma jinbidlux matul iż-żmien.<sup>5</sup>

Il-materjal supplimentari għandu jkun magħruf aħjar u użat aktar Din hija r-realtà b'mod partikolari għal materjal għat-tagħlim awtonomu.

Filwaqt li l-utenti tal-IMI iqisu li jista' jkun ta' valur ogħla jekk wieħed jiltaqa' ma' uffiċjali minn pajjiżi oħra sabiex ikunu skambjati esperjenzi, objettiv ieħor għandu jkun li jiġi promoss u appoġġat l-iskambju ta' uffiċjali.

---

<sup>5</sup> L-istħarriġiet saru fi żmien meta f'ħafna Stati Membri, il-leġiżlazzjoni nazzjonali biex tkun implimentata d-Direttiva dwar is-Servizzi kienet għadha ma ġietx adottata u/jew it-taħriġ dwar affarijiet legali kien għadu ma kienx ipprovdut.

#### 4. TQABBIL TA' ALTERNATTIVI POLITIĊI DISPONIBBLI

Il-Kummissjoni tista' **żżomm l-istatus quo** u tkompli tipprovdi assistenza lill-Istati Membri bl-istess mod li tagħmel illum. Dawn l-attivitajiet jintlaqgħu b'livelli għoljin ta' sodisfazzjon. Madanakollu, huma ma jindirizzawx id-diffikultajiet kollha li qed jiffaċċjaw dawk inkarigati mit-taħriġ u mis-sensibilizzazzjoni, bħal pereżempju riżorsi umani insuffiċjenti, nuqqas ta' kompetenza esperta fit-twettiq ta' taħriġ u nuqqas ta' appoġġ mill-ġerarkija.

Il-Kummissjoni tista' **tadatta u testendi l-approċċ attwali tagħha** skont il-bżonnijiet emerġenti fl-Istati Membri. Pereżempju l-Kummissjoni tista' tgħin fl-organizzazzjoni ta' konferenzi bil-parteciġazzjoni ta' diversi Stati Membri. Hija tista' tistabbilixxi kuntatti fost l-Istati Membri li huma interessati fl-iskambji ta' uffiċjali u tipprovdihom konsulenza. Il-Kummissjoni tista' tagħti wkoll prijorità ogħla lix-xewqat li esprimew xi koordinaturi dwar pereżempju l-inklużjoni ta' materjal ta' appoġġ u preferenzi fl-iżvilupp tas-sistema.

Il-Kummissjoni tista' tfittex ukoll riżorsi addizzjonali u twaqqaf **programm pluriennali** li jippermetti żieda qawwija fil-livell tal-attivitajiet ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni Taħriġ sistematiku fl-Istati Membri kollha provdut minn speċjalisti esterni, assistenza professjonali fl-organizzazzjoni ta' konferenzi transkonfinali u sistema ċentralizzata għall-iskambji ta' uffiċjali huma eżempji ta' miżuri li jistgħu jkunu inklużi fiha. L-impatt f'termini finanzjarji u tar-riżorsi umani se jiddependi fuq in-numru u l-iskop ta' miżuri bħal dawn. Madanakollu, mhux ċar f'dan l-istadju jekk l-ispejjeż sostanzjali ta' programm pluriennali bħal dan humiex se jkunu bbilanċjati mill-benefiċċji tiegħu sakemm ma jkunux ġew identifikati l-bżonnijiet tal-Istati Membri għal tul ta' żmien medju u twil.

It-tieni approċċ se jippermetti flessibilità fir-rigward tal-bżonnijiet emerġenti u dan jista' jiġi implimentat immedjatament. Dan l-approċċ jista' ma jkunx effikaċi daqs programm pluriennali biex jintlaħqu haġna utenti tal-IMI b'mod konsistenti u mhux se jindirizza l-preokkupazzjonijiet tal-koordinaturi. Madanakollu, jista' jipprovdi appoġġ flessibbli filwaqt li ma jinkludix soluzzjoni iktar intensiva fir-riżorsi fi stadju iktar 'il quddiem.

#### 5. KONKLUŻJONI

Ir-riżultati ġenerali tal-valutazzjoni tal-bżonnijiet jissuġġerixxu li bħalissa m'hemmx ġustifikazzjoni biżżejjed biex ikun adottat programm pluriennali għat-taħriġ u l-iskambji ta' uffiċjali. Programm bħal dan se jkun prematur, fi żmien meta l-kooperazzjoni skont id-Direttiva dwar is-Servizzi għadha kemm bdiet taħdem. Il-Kummissjoni u l-koordinaturi tal-IMI jeħtieġ li jiksbu aktar esperjenza sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw il-bżonnijiet tat-taħriġ u potenzjalment għall-iskambji ta' uffiċjali għal tul ta' żmien medju u twil.

Sadanittant, il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi li qed tagħmel bħalissa biex ikunu appoġġati Stati Membri fis-sensibilizzazzjoni dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u biex ikunu mħarrġa l-utenti tal-IMI li sa issa kellhom suċċess kbir. Madanakollu, hija tipproponi li tadattahom u testendihom b'mod flessibbli bħal u meta tirċievi talbiet korrispondenti mill-Istati Membri. Min-naħa tal-Istati Membri, u b'mod

partikolari l-koordinaturi tal-IMI, dan jirrikjedi li huma jieħdu bis-serjetà r-rwol kruċjali tagħhom fis-sensibilizzazzjoni u fit-taħriġ ta' uffiċjali, billi jagħmlu użu mill-appoġġ tal-Kummissjoni u billi jallokaw finanzi u riżorsi umani suffiċjenti għal dawn il-kompiti.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi fl-Istati Membri u se terġa' tivvaluta n-neċessità li jkun adottat programm multiannwali abbażi tal-esperjenza li se tinkiseb matul l-ewwel sena tal-użu obligatorju tal-IMI għas-servizzi. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sitwazzjoni fir-Rapport Annwali dwar l-IMI għall-2010, li huwa maħsub li se jkun ippubblikat fi Frar 2011. Il-Kummissjoni se titrażmetti wkoll informazzjoni statistika neċessarja lill-Istati Membri fuq bażi regolari, sabiex tippermettilhom jipprovdu l-kontribut tagħhom għar-rapport annwali<sup>6</sup>.

---

<sup>6</sup> Għal dettalji dwar l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż.